MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Numru. 192/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR KYLIE BORG**
**VS**
**GERARD DEPARES**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Gerard Depares ta’ 45 sena, bin Emanuel u Mary nee’ Mifsud, mwieled Pieta’ 8 ta’ Gunju 1966, residenti Blk 4, flat 4, Triq Marsamxett, Valletta u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 254166M;

Talli fit- 23 ta’ Jannar 2010, gewwa l- fond La Vallette gewwa l- Belt Valletta;

1) volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema

hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 imma inqas minn €1164.69;

2) ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Jonathan Paul Grima hekk kif iccertifikat minn Dr. Jean Pierre Farrugia MD;

3) f' lok pubbliku jew miftuh ghall- pubbliku, kien jinsab f' sakra b' mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju tal-ewwel seduta wara li tressaq b'arrest f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 325, 221, 338(dd) u (ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati tat- tieni u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' mitejn u sitta w tletin ewro (€236) lil Paul Spiteri fi zmien tlett (3) xhur.
Inoltre torbot lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu ghal sena favur Jonathan Paul Grima taht penali ta' seba' mitt ewro (€700) ai terminu tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------